# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 31 ta' Ottubru 2018**

**Rikors Numru : 2/2016 JPG**
**Kawza Numru : 2**

**Rosaria Borg Busuttil (ID: 299967M)**

**VS**

**Onorevoli Prim Ministru u Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u Ministru ghall-Energija u s-Sahha u Segretarju Parlamentari tas-Sahha**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tas-6 ta' Jannar 2016 (a fol. 1 et seq) li jaqra hekk:

1. *"Illi r-rikorrenti ilha ghal snin twal tahdem bhala 'nurse' mal-Gvern u ghandha esperjenza vasta f'dan il-qasam;*

2. *Illi permezz ta'ittra datata t-23 ta' Novembru, 2012, ir-rikorrenti giet infurmatha illi fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Prim Ministru ta' dak z-zmien approva illi r-rikorrenti tinhatar bhala 'Staff Nurse' mal-Gvern, b'salarju ta' €14,282 fis-sena u dan bis-sehh mid-9 ta' Novembru, 2012 (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok A');*

3. *Illi l-kundizzjonijiet li kienu jirregolaw din il-hatra kienu gew pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-24 ta' Frar, 2012 fejn fost l-ohrajn giet imposta l-kundizzjoni illi l-applikanti ghal din il-pozizzjoni ikollhom fil-pussess taghhom Certifikat ta' Registrazzjoni mahrug mill-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok B' - kundizzjoni (c));*

4. *Illi fil-fatt, r-rikorrenti kienet ghal dawn l-ahhar snin, qeghdha tahdem bhala 'staff nurse' fl-lsptar Mater Dei, li jaqgha fid-dekasteru tal-Ministru ghall-Energija u s-Sahha u s-Segretarju Parlamentari tas-Sahha;*

5. *Illi bhal sajjetta fil-bnazzi, permezz ta' ittra datata d-9 t'Ottubru, 2015 mibghutha mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ir-rikorrenti giet infurmatha illi peress li skond l-istess Kummissjoni hija ma spiccatx l-istudji taghha b'success, il-Kummissjoni kienet bi hsiebha tirrevoka l-hatra taghha bhala 'Staff Nurse' u dan skond kif jipprovdi l-artikolu 23 tar-Regolamenti dwar il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok.C');*

6. *Illi r-rikorrenti inghatat hames t'ijiem sabiex tipprezenta r-rapprezentazzjonijiet taghha bil-miktub. Hija fil-fatt baghtet ittra fejn spjegat il-pozizzjoni taghha nhar l-14 t'Ottubru, 2015 (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok.D');*

7. *Illi permezz ta' ittra datata t-22 t'Ottubru, 2015, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku informat lir-rikorrenti illi l-hatra taghha hla 'Staff Nurse' kienet qed tigi revokata u dan peress illi skond l-istess Kummissjoni, l-istess hatra fl-2012 kienet kundizzjonatha fuq il-premessa li r-rikorrenti kellha fil-pussess taghha Certifikat ta' Registrazzjoni mahrug mill-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok.E');*

8. *Illi bhala stat ta' fatt, r-rikorrenti hija registrata mal-Kunsill tal-Infermiera u l-Qwiebel bhala 'Second Level Nurse' u dan mill-25 t' Awwissu, 1999 (ara document anness u mmarkat bhala 'Dok.F');*

9. *Illi inoltre, r-rikorrenti tipposjedi kwalifiki relatati ma' 'nursing practice' u dan kif mahruga mill-'Institute of Health Care' (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok.G');*

10. *Illi r-rikorrenti hija wkoll registrata man-'Nursing and Midwifery Board' u ghandha n-numru ta' registrazzjont 'E /2331 ' (ara dokument anness u mmarkat bhala 'Dok.H');*

11. *Illi r-rikorrenti tikkontendi illi I-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, f'kaz daqstant serju bhal ma hija revoka ta' hatra ta' impjieg taghha, naqset milli taghti smiegh xieraq lir-rikorrenti u dan bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*

12. *Illi r-rikorrenti tissottometti illi l-Kummissjoni intimata kellha l-obbligu illi f'kull stadju tal-proceduri kontra taghha, hija tinghata l-opportunita' reali u effettiva li tiddefendi ruhha u dan anki in omagg tal-principju ta' gustizzja naturali 'audi alteram partem';*

13. *Illi r-rikorrenti tikkontendi illi il-fatt illi l-Kummissjoni talbitha tibghat semplici ittra b'risposta ma jikkostitwix smiegh xieraq kif tipprovdi l-Konvenzjoni Ewropea;*

14. *Illi inoltre, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, bil-mod kif mexxiet dan il-kaz, marret drastikament kontra l-principju ta' 'equalitt of arms'illi jipprovdi illi kull parti ghandha tinghata l-opportunita' tipprezenta l-kaz taghha b'tali mod illi ma tkunx svantaggata meta wiehed iqis il-pozizzjoni tal-parti l-ohra;*

15. *Illi r-rikorrenti ma inghatatx l-opportunita' illi per ezempju tressaq xhieda viva voce bhal nghidu ahna rapprezentant tal-Kunsill tal-lnfermiera u l-Qwiebel illi kien jipprovdu prova importanti dwar jekk dak li r-rikorrenti kienet qeghdha tigi akkuzatha bih fil-fatt jissussistix;*

16. *Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza 'Gatt vs Prim Ministru' deciza fis-6 ta' Settembru, 2010 irriteniet illi "l-uffcjali pubbliku koncernat irid jigi moghti kull rapport u dokument li se jintuza kontrih sabiex ikun jista' jiddefendi ruhu u jrid ukoll jinghata kull opportunita' illi jiddefendi ruhu quddiem il-PSC";*

17. *Illi minhabba l-agir tal-intimati, r-rikorrenti illum giet demoted. Sahansitra giet imgieghlha tibdel l-uniformi taghha minn dik ta'kulur blu ta' 'staff nurse' ghal dik ta' kulur ahdar ta' 'enrolled nurse' u dan sabiex ikun jaf kulhadd li hija giet demoted. Dan kollu ikkawza lir-rikorrenti trawma psikologika u misthija ghal dak li giet mghoddija minnu. Inoltre, r-rikorrenti qeghdha ssofri danni u dan peress li l-paga taghha giet imnaqqsa ghal grad li kienet tahdem fih precedentament;*

18. *IIli ghaldaqstant qeghdha ssir dina l-kawza u r-rikorrenti tiddikjara li taf b'dawn il-fatti kollha personalment.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbi Qorti m'ghandiex:*

1. *Tiddikjara illi l-agir tal-intimati konsistenti fir-revoka tal-hatra tar-rikorrenti fil-grad ta' 'Staff Nurse' sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghha ta' smiegh xieraq bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u cioe' tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*

2. *Taghti dawk ir-rimedji kollha opportuni li jidhrilha fic-cirkostanzi, inkluz illi terga' tordna illi r-rikorrenti titqieghed fl-istess pozizzjoni qabel ma giet revokata l-hatra taghha bhala 'Staff Nurse';*

3. *Tillikwida dawk id-danni kollha sofferti mar-rikorrenti konsistenti f'telf ta' pagi u allowances ohra li normalment kien jispetta lilha li tircievi li kieku ma gietx revokata l-hatra taghha;*

4. *Tikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' dawn id-danni.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati li minn issa jinsabu ingunti ghas-subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru, tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, tal-Ministru ghall-Energija u Sahha u Segretarju Parlamentari tas-Sahha (a fol. 25 et seq) li taqra hekk:

*"Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens li hija garrbet ksur tad-dritt ghal smigh xieraq protett mill-aritkolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja meta allegatament ma nghatatx smigh quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bil-konsegwenza li gew miksura l-principji tal-audi alteram partem u tal-equality of arms.*

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi preliminarjament. kemm il-Ministru ghall-Energija u Sahha u kemm is-segretarju Parlamentari tas-Sahha ma humiex legittimi kontraditturi stante illi huma ma kienux il-persuni illi irrevokaw il-hatra tar-rikorrenti u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Dan il-fatt jirrizulta anke mid-dokumenti annessi mar-rikors promotur.*

2. *Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-kaz odjern;*

3. *Illi preliminarjament ukoll, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti biex tisma' l-kaz billi l-mertu dwar hatra fis-servizz pubbliku li dwaru ghandha kompetenza esklussiva l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku - li d-decizjoni taghha, taht l-artikolu 1l5 tal-Kostituzzjoni, ma tistax tigi mistharrga mill-qrati;*

4. *Illi fil-mertu in kwantu ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tad-dritt ta smigh xieraq l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni li fuqu ir-*

*rikorrent isejjes il-lanjanza taghha jistabbilixxi ir-regola bazilari li kull qorti jew awtorita gudikanta ohra mwaqqfa bil-ligi ghad-decizzjoni dwar l-ezistenza jew estensjoni tad-dritijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali u li meta il-proceduri ghad-decizzjoni bhal dik jitressqu quddiemha il-kaz ghandu jinghata smigh xieraq fi zmien ragonevoli, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma hix awtorita gudikanta u lanqas tiddeciedi dwar l-ezistenza jew estensjoni tad-drittijiet. Ir-rwol tal-Kummissjoni huwa wiehed rakkomandattiv u dana anke ai termini ta' l-Artikolu 110 (l) tal-Konstiuzzjoni u ghalhekk certament li ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt ta smigh xieraq.*

5. *Illi l-principju tal-equality of arms jimplika li kull parti ghandu jkollha l-opportunita' ragjonevoli li tipprezenta l-kaz u l-provi taghha taht kundizzjonijiet li ma jqieghduhiex fi zvantagg fil-konfront tal-parti l-ohra. Madankollu, l-partijiet ma ghandhomx dritt assolut li jipproducu xhieda. Illi certament Ii mhux bizzejjed li 1-parti turi li ma nghatatx seduta sabiex ittellgha xhieda viva voce u taghmel is-sottomissjonijiet taghha bil-fomm. Il-principju tal-equality of arms huwa xorta wahda rispettat jekk il-partijiet jinghataw il-fakulta' li jipprezentaw il-kaz taghhom anke jekk fil-forma skritta. F'dan il-kaz, ir-rikorrenti nghatat il-fakulta' li tipprezenta l-kaz taghha bil-miktub. Illi l-istess rikorrenti ma talbitx li tinghata smigh viva voce quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u li ghalhekk issa ma tistax tigi quddiem dina l-Onorabbli Qorti tillamenta li ma nghatatx seduta sabiex taghmel is-sottomissjonijiet verbali taghha u sabiex ittella' x-xhieda taghha.*

6. *Illi l-principju audi alteram partem ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema', izda li tinghata l-opportunita tressaq il-kaz taghha. Hekk gara fil-kaz odjern, ir-rikorrenti inghatat l-opportunita illi tipprezenta il-kaz taghha bil-miktub kif fil-fatt ghamlet u ghalhekk ma kienx hemm ksur tal-principju audi alteram partem.*

7. *Illi bhala stat ta fatt u kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mar-rikors promotur, is-sejha ghal applikazzjonijiet kienet ghal hatra ta' "staff nurses" li tirrikjedi registrazzjoni fl-ewwel livell mal-Kunsill ta' l-lnfermiera u Qwiebel. Ir-registrazzjoni illi ghandha r-rikorrenti mal-Kunsill ta' l-Infermiera u Qwiebel hija ta' "enrolled nurse" u cioe' ta' registrazzjoni fit-tieni livell. Dan huwa*

*konfermat fir-rikors promotur kif ukoll mid-dokument "Dok. F" anness mar-rikors promotur. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma kenitx eligibbli ghal hatra fil-karigata' "staff nurse".*

8. *Illi s-sejha kienet titlob ghal registrazzjoni mal-Kunsill gia msemmi izda logikament ir-registrazzjoni kellha tkun ta' "staff nurse" hekk illum maghrufa bhala "First Level nurse" gia la darba is-sejha kienet ghal "staff nurse".*

9. *Illi ghalkemm ir-rikorrenti kienet ghamlet il-kors sabiex tavvanza minn infermiera tat-tieni livell ghal infermieri ta' l-ewwel livell, hija wehlet u ghalhekk ma setghetx tirregistra bhala infermiera ta' l-ewwel livell.*

10. *Illi ir-rikorrenti ma tgawdi l-ebda dritt illi tinhatar "staff nurse" stante illi ma ghandniex il-kwalifika necessarja u ghalhekk it-talba taghha sabiex titpogga lura bhala "staff nurse" ma tistax tintlaqa' anke wkoll ghax dina l-Qorti ma tistax twettaq funzjoni amministarttiva illi kostituzzjonalment hija fdata f idejn il-Prim Ministru.*

11. *Illi ebda dritt tar-rikorrenti ma gie lez anzi wiehed kien jippretendi illi kien imissha gibdet hija stess l-attenzjoni ta' l-intimati dwar dan peress li r-rikorrenti hija fdata bil-hajja u bis-sahha tal-pazzjenti rikoverati fl-isptar u ma tistax tippretendi li twettaq funzjonijiet u responsabbilitajiet flivell li ghalihom ma ghandhiex il-kwalifiki necessarji. Bla ebda dubbju ir-rikorrenti kienet taf illi wehelt mill-kors, kienet taf illi ma tikkwalifikax ghal post ta "staff nurse" u ghalhekk il-pretensjonijiet taghha huma ghal kollox infondati.*

12. *Illi ebda danni ma huwa dovut lir-rikorrenti stante illi hija qed tithallas skond ir-registrazzioni illi ghandha mall-Kunsill u in linea max-xoghol mistenni minnha.*

13. *Illi jsegwi ghalhekk li l-lanjanzitar-rikorrenti ghandhom jigu michuda.*

14. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

15. *Bl-ispejjez."*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-att u d-dokumenti tal-kawza;

Rat id-decizjoni taghha tal-1 ta' Gunju 2016 a fol 47 *et seq*;

Rat id-decizjoni taghha tas-7 ta' Dicembru 2016 a fol 71 *et seq;*

Rat is-sentenza parzjali taghha tas-27 ta' April 2017;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Jesmond Sharples, Director (Nursing Services)** xehed permezz ta' affidavit a fol 65 *et seq* illi r-rikorrenti kienet giet mahtura *enrolled nurse* f'Mejju 2003, u cioe fl-istess sena meta kien gie varjat il-kors ta' *enrolled nurses* ghal konversjoni fi *staff nurse*, biex Malta tigi in linja tar-regolamenti tal-EU. Kompla illi r-rikorrenti kienet applikat ghal kors li kien gie organizzat biex *nurses* fil-livell taghha jilhqu *staff nurses*, u kienet bdietu u waslet ghall-ezami, izda ghalkemm poggiet dan l-ezami kemm il-darba qatt ma ghaddiet, u xi drabi sahansitra lanqas attendiet u pprezent certifikat mediku. Spjega li minhabba f'hekk hi m'ghandiex dritt li tinhatar bhala *staff nurse*.

Spjega illi meta kienet intalbet il-lista ta' dawk li ghaddew mill-ezamijiet, isem ir-rikorrenti kienet inqabad fl-elenku ma' dawk il-persuni li kien ghaddew, u kien ghalhekk li kienet harget rakkomandazzjoni biex tinghata appuntament fil-grad ta' *staff nurse* b'effett mid-9 ta' Novembru 2012, u assumiet il-funzjoni ta' *staff nurse* mid-9 ta' Novembru 2012 sakemm ingibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet. Zied illi kif wassal a konjizzjoni tieghu dan ir-rapport, hu kien ghamel l-investigazzjoni necessarja u ta r-rakkomandazzjoni lid-dipartiment tar-rizorsi umani sabiex jittihdu l-passi mehtiega tramite l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Xehed ukoll a fol 128 *et seqq* illi kienet waslitlu informazzjoni mill-isptar Mater Dei illi r-rikorrenti kienet qed tilbes uniformi ta' grad illi ma kienx taghha u ghalhekk f'Awissu

2015, kien talab sabiex din l-allegazzjoni tigi investigata. Spjega illi minn din l-investigazzjoni kien irrizulta illi r-rikorrenti kienet giet appuntata bhala Staff Nurse lejn l-ahhar tal-2012 meta hija ma kienetx tissodisfa l-kriterji ghal tali appuntament. Xehed illi dan kien zball li gara peress illi skont is-sejha, setghu ukoll japplikaw studenti li kienu fl-ahhar sena, izda dejjem suggett li jghaddu mill-ezami. Spjega li filfatt ir-rikorrenti kienet applikat waqt li kienet qed taghmel il-kors, izda l-kors ma kienetx spiccatu b'success. Kompla li r-rikorrenti kienet ghamel erba' attentati sabiex tghaddi mill-ezami, izda qatt ma kienet ghaddiet.

Mistoqsi mill-Qorti sabiex jispjega x'inhi d-differenza bejn fid-doveri ta' Enrolled Nurse u Staff Nurse, spjega illi Enrolled Nurse tahdem taht is-supervizjoni ta' Staff Nurse. Mistoqsi jekk hemmx xi proceduri li tista' taghmel biss Staff Nurse wiegeb illi din hija domanda ikkomplikata, pero b'mod generali, peress illi Staff Nurse ghandha poteri ta' delega, tista' tiddelega lil Enrolled Nurse att partikolari li dak l-Enrolled Nurse ikun kompetenti biex jaghmel, izda r-responsabbilita finali dejjem tibqa' tal-iStaff Nurse li tkun tat dik id-delega.

Fir-rigward tal-procedura spjega illi persuna li ma jkollhix il-kwalifiki necessarja meta tapplika tkun ineligibli, izda min ikun se jaghmel l-ahhar ezami, jew ikun qed jistenna l-ahhar rizultat, jista' jissottometti l-applikazzjoni tieghu suggett ghas-sussegwenti sottomissjoni ta' rizultat posittiv tal-ezami msemmi. Spjega illi jekk imbaghad isir zball mid-Dipartimenti tar-Rizorsi Umani, dan mhux ser tinduna bih il-PSC, li tassumi li l-informazzjoni li giet mghoddija lilha hija korretta. Zied ukoll illi anke l-Ministru ma jivverifika ebda informazzjoni, izda sempliciment jiffirma l-karti li tghaddilu l-PSC.

**Prodott mill-intimati** xehed a fol 227 *et seqq* illi d-differenza bejn Enrolled Nurse u Staff Nurse tohrog mill-Medical and Kindred Professionals Ordinance . Mistoqsi x'differenza hemm bejn dawn iz-zewg gradi mill-lat ta' kuntatt ma' pazjent, xehed illi Enrolled Nurse u Staff Nurse ghandhom l-istess hilijiet izda Enrolled Nurse m'ghandhiex awtonomija u tahdem taht is-supervizjoni ta' Staf Nurse, u Staff Nurse ghandha poteri ta' delega. Xehed illi fis-sena 2000 kien gie deciz illi jitwaqqaf it-tahrig kollha ghall-Enrolled Nurses peress illi dan ma kienx grad rikonoxxut fl-Unjoni Ewropeja u ghalhekk Enrolled Nurses ma kellhomx *freedom of movement*.

**Angele Cilia Degiorgio** xehdet permezz ta' affidavit a fol 67 illi hija *compliance officer* fil-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Spjegat illi sabiex tigi revokata hatra maghmla mill-Kummissjoni, id-Dipartiment koncernat irid jikteb il-Kummissjoni bir-ragunijiet ghar-revoka, imbaghad il-Kummissjoni taghmel ir-rakkomandazzjoniet taghha lil Prim'Ministru. Kompliet illi hemm process li jrid jigi segwiet, skont liema process, il-persuna koncernata tigi notifikata mill-Kummissjoni bl-intenzjoni li jkun hemm revoka u tigi moghtija zmien biex taghmel ir-rapprezentazzjoniet taghha bil-mitkub, u jekk il-persuna titlob, tinghata wkoll smiegh quddiem il-Kummissjoni. Xehdet illi r-rikorrenti ma kienetx talbet ghal tali smiegh u ghazlet li taghmel biss sottomisjonijiet bil-miktub, u l-Kummisjoni ghaddiet biex taghmel ir-rakkomandazzjoni taghha wara li hadet in konsiderazzjoni it-talba tad-dipartiment u s-sottomissjoni tar-rikorrenti.

Xehdet a fol 115 *et seqq* illi l-ewwel informazzjoni dwar it-talba biex il-hatra tar-rikorrenti tigi revokata kienet waslet lilhom minghand il-Ministeru tas-Sahha, a bazi tal-fatt illi r-rikorrenti ma kellhiex il-kwalifika necessarja ghall-appuntament li kienet inghatat. Spjegat illi bhala prassi, l-PSC ma tistaqsix biex ikun hemm smiegh orali, izda jekk il-persuna titlob tali smiegh, il-Kummissjoni tikkonsidra t-talba u hafna drabi jinghata c-cans sabiex ikun hemm dan is-smiegh.

**In kontro-ezami** a fol 210 *et seqq* , a fol *236 et seqq* u a fol 244 xehdet fiz-zmien in kwistjoni, il-PSC kienet tapprova s-sejha ghall-applikazzjonijiet, il-hatra tal-bord u l-kriterji li ha jigu ezaminati fuqhom l-applikanti, tara r-rapport li jkun inhareg, u jekk tapprovah, tippublika hi stess ir-rizultati. Kompliet li wara l-publikazzjoni tar-rizultati, il-Ministru kien jikteb lill-PSC sabiex jirrakomanda numru ta' hatriet, il-PSC taghmel ir-rakkomandazzjoni taghha lil Prim'Ministru li, jekk jaqbel, japprova dawn il-hatriet, u sussegwentement il-PSC tinforma lil Ministru kkoncernat li jista' jipprocedi bil-hatriet. Kompliet illi f'kaz li sejha tohrog b'xi kondizzjoni specifika, il-Ministru jew id-dipartiment koncernat ghandu jizgura li l-kondizzjoni tkun giet onorata qabel ma jaghmel ir-rakkomandazzjoni.

Rigward dan il-kaz partikolari, spjega illi r-rikorrenti kienet fost wahda mill-persuni li kienet giet rakkomandata ghall-hatra, u l-Ministru kien gie nformat illi jista' jaghmel il-hatra fid-9 ta' Novembru 2012. Spjegat illi imbaghad, fit-30 ta' Settembru 2015 il-

Ministru kien kiteb lil PSC sabiex jgharrafha illi r-rikorrenti kienet verament giet irrakommandata ghall-hatra in kwistjoni, bil-kondizzjoni illi jkollha First Level Registration mal-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel. Kien gie innotat izda, li filfatt ma kienetx ottjeniet il-kwalifika necessarja u ghalhekk talbuhom sabiex jirrevokaw din il-hatra. Kompliet illi fid-dawl tar-regolamenti vigenti, il-PSC kienet bghatet ittra lir-rikorrenti fid-9 ta' Ottubru 2015 fejn giet informata bl-intenzjoni li tigi rrevokata l-hatra taghha ghaliex ma kellhiex il-kwalifiki necessarji. Qalet li l-PSC kienet irceviet sottomissjoni minghand r-rikorrenti illi ma kienetx kompliet l-istudji taghha minhabba problemi finanzjarji, kopja tac-certifikat taghha bhala Enrolled Nurse, u kopja tal-ittra tal-hatra li kienet irceviet.

Spjegat illi kull sejha tohrog a bazi tal-Collective Agreement, u r-rekwizit ta' First Level Registration filfatt jirrizulta mill-Collective Agreement (Dok ACD X1).

**In re-ezami** a fol 215 *et seqq* u a fol 242 *et seqq* xehdet illi fis-sejha ghall-applikazzjonijiet m'hemmx indikat illi kien hemm bzonn ta' Level One Registration. Qalet illi smiegh quddiem il-Kummissjoni jinghata hafna drabi meta jkun mitlub. Xehdet illi l-persuni ma jigux informati fl-ittra illi jekk iridu smiegh iridu jitolbuh.

**Herman Borg** xehed a fol 108 *et seqq* illi huwa r-ragel tar-rikorrenti. B'referenza ghall-ittra esebita a fol 14, spjega illi din l-ittra kien kitibha hu, bhala risposta ghall-ittra mibghuta mill-PSC, fejn spjega r-ragunijiet ghalfejn il-PSC ma kellhomx ragun. Qal illi peress illi kienu tawhom biss hamest'ijiem sabiex jirrispondu, lanqas biss kellhom cans li jmorru jkellmu avukat, izda huma hasbu li almenu wara l-PSC tixtarr il-kaz, kienet ser tghidilhom jekk humiex ser jixhdu. Xehed illi minflok kienet ircievew risposta permezz ta' liema r-rikorrenti kienet giet *demoted*, u l-ewwel darba li dahlet ghax-xoghol wara li kienet irceviet din, l-ittra kienu qalulha biex tibdel l-uniformi minn wahda blu and wahda hadra. Xehed li minhabba f'hekk, ir-rikorrenti kienet ghaddiet minn trawma qawwija, ghaliex peress li t-tibdil tal-uniformi, juri li kienet giet *demoted* u kulhadd ried ikun jaf x'gara b'misthija ghar-rikorrent.

Xehed illi meta kien hareg l-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern, li jinsab esebit a fol 7, kien qal lir-rikorrenti li kellha cans tapplika peress illi bhala kwalifiki rikjesti, kien hemm indikat li hemm bzonn certifikat tal-Midwife and Nursery, minghajr specifikazzjoni ta' grad jew

livell. Qal li ghalhekk kien inkorragga lir-rikorrenti biex tapplika, peress li kien jidher li kellha l-kwalifiki li kienu qed jitolbu. B'referenza ghad-dokument a fol 16 spjega li dan huwa ic-certifikat li hija 2nd Level Nurse, liema certifikat hareg minghand ir-Registrar Council of Nurses and Midwives, liema certifikat huwa dak li kien rikjest fl-avviz in kwistjoni. Xehed illi r-rikorrenti kienet ghamlet sentejn jew tlett snin fil-grad ta' Staff Nurse, u safejn jaf hu ix-xoghol ghamlitu tajjeb.

**In kontro-ezami** a fol 112 *et seqq* u muri d-dokument a fol 16 xehed illi dawn huwa certifikat ta' Enrolled Nurse. Fir-rigward tal-ezami ghac-certifikat ta' Staff Nurse xehed illi r-rikorrenti ma kienetx ghaddiet.

**Maureen Mahoney,** Direttur fid-dipartiment tar-rizorsi umani fil-Ministeru tas-Sahha xehed a fol 124 *et seqq* illi f'Awissu 2015 kienet irceviet rapport mid-Direttorat responsabbli ghan-Nursing illi r-rikorrenti kienet qed tipprattika ta' staff nurse meta hija fil-verita kienet enrolled nurse. Xehed li ghalhekk huwa kienu avzaw sabiex jingabar lura l-ammont ta' flus zejda li r-rikorrenti kienet hadet, u sabiex jikkunsidraw ukoll jekk ghandhomx jittiehdu passi dixxiplinari. Spjegat illi r-rikorrenti kellha appuntament li ma kienetx intitolata ghalih, ghaliex il-kriterju ghall-elegibilita kien registrazzjoni bhala *first level nurse,* u r-rikorrenti kienet irregistrata bhala *enrolled nurse* u mhux *staff nurse.* Mistoqsija minn fejn jirrizulta mill-avviz li kien hareg fil-gazzetta tal-gvern illi kien hemm bzonn certifikat ta' registrazzjoni bhala staff nurse, wiegbet illi dan filfatt m'huwiex indikat espressament fl-avviz.

**Rosaria Borg Busuttil** xehdet a fol 135 *et seqq* u a fol 138A illi meta kien hareg l-avviz in kwistjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, hi kienet rat li kellha l-kwalifici kollha necessarji, u filfatt kienet irceviet ittra minghand il-Ministeru tas-Sahha li kienet giet appuntata bhala Staff Nurse. Spjegat li hija kienet ivverifikat dan mal-Amministrazzjoni, u filfatt anke l-paga bdiet tohrog ta' Staff Nurse. Qalet ukoll illi hija ma kienetx bdiet tilbes l-uniformi ta' Staff Nurse minn rajha, izda biss ghaliex kien baghtu ghaliha sabiex tmur ghand tal-uniformijiet halli tiehu l-uniformi necessarja. Xehdet illi darba minnhom, is-Sibt, kienet irceviet ittra d-dar li kienet tghid li ma kienetx Staff Nurse izda Enrolled Nurse, u t-Tnejn stess kienet inghatat struzzjonijiet sabiex tibdel l-uniformi u tilbes dik ta' Enrolled Nurse. Ziedet illi llum il-gurnata hija kompliet l-istudja taghha u fil-prezent kienet

waslet fl-ahhar tat-tezi, li kellha tissottometti f'Marzu 2018 sabiex tikseb id-*degree* ta' B.Hons Nursing and Midwifery.

**Leo Bonnici,** Direttur, People Resourcing and Compliance fl-ufficju tal-Prim Ministeru, xehed a fol 141 *et seqq* illi l-ingagg ta' persuni fis-servizz pubbliku isir permezz ta' sejha ghall-applikazzjonijiet. Spjega li l-ewwel jigi d-determinat il-*vacanies* fil-grad u ssir sottomissjoni lil Ministru responsabbli, tintbghat draft tas-sejha lil PSC, li tigi ivverifikata mid-dipartiment tieghu u jekk tkun approvata mill-PSC tigi ppubblikata.
B'referenza ghal dan il-kaz partikolari spjega illi l-kondizzjonijiet ta' elegibilita kienu illi tkun cittadin tal-EU, li hu proficjenti fl-Ingliz u fil-Malti, illi jkollok certifikat li juri li inti rregistrat mal-Kunsill tal-Infermiera u Qwiebel f'Malta u li tkun ta' karattru morali tajjeb. Xehed illi f'dan il-kaz partikolari, peress illi r-rikorrenti kienet diga fis-servizz, kull ma riedet turi kien il-GP47, u cioe is-*service and leave* record form. Zied li peress li s-sejha kienet ghal Staff Nurse, ic-certifikat li ghalih kienet tirreferi s-sejha kien ic-certifikat ta' Staff Nurse.

Mistoqsi sabiex jispjega x'jgri jekk l-amministrazzjoni tinduna li persuna li kienet giet mahtura fil-kariga ma tissodisfax xi kondizzjoni, wiegeb illi dan ikun kaz serju peress illi ma jkunx elegibilita, u ghalhekk l-amministrazzjoni titlob lil PSC sabiex tirrevoka l-hatra a bazi ta' nuqqas ta' elegibilita.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom, l-intimati eccepew illi l-intimati Ministru ghall-Energija u Sahha u s-Segretarju Parlamentari tas-Sahha, m'humiex il-legittimi kontradditturi ghaliex ma kienux huma li rrevokaw il-hatra tar-rikorrenti.

L-intimati argumentaw illi r-rappresentanza gudizzjarja tal-Gven tinsab regolata bl-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u li sabiex wiehed jistabilixxi b'mod cert liema entita tal-Gvern ghandha r-rappresentanza tal-Gvern fi proceduri partikolari, wiehed irid ta' bilfors ihares lejn dak li jkun qed jigi mfittex permezz tat-talbiet tar-rikorrent kif imfissra fir-rikors promotur. Skont l-intimati, galadarba l-hatriet u t-tnehhija minn xi hatra fis-Servizz Pubbliku jsiru mill-Prim'Ministru fuq

rakkomondazzjoni tal-PSC, hu evidenti li l-Ministru ghall-Energija u Sahha u s-Segretarju Parlamentari tas-Sahha gew imharrka inutilment.

Minn naha taghha, ir-rikorrenti ma resqet l-ebda sottomissjoni fir-rigward ta' din l-eccezzjoni.

Il-Qorti rat illi mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-Ministeru ghall-Energija u Sahha u s-Segretarju Parlamentari tas-Sahha appuntaw lir-rikorrenti fil-grad ta' *staff nurse*, jew irrevokaw l-appuntament taghha. Fil-fatt, fl-ittra ta' appuntament, hemm indikat illi l-Ministeru kien qieghed jgharrafha bl-appuntament li sar mill-Prim'Ministru, u m'hemm imkien indikat illi l-appuntament kien sar mill-Ministru stess. Fir-rigward tar-revoka tal-hatra mbaghad, l-ittra mibghuta lir-rikorrenti, kienet direttament minghand il-PSC u ma jidhirx illi l-Ministeru kien ha xi decizjoni rigward din ir-revoka, izda jirrizulta biss illi l-Ministeru kien talab lil PSC tinvestiga u tiddetermina l-ilment li kien tqajjem kontra r-rikorrenti.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni hija fondata u ghandha tintlaqa'. Konsegwentement, il-Ministru ghall-Energija u s-Sahha u s-Segretarju Parlamentari ghas-Sahha qed jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tat-tieni eccezzjoni preliminari taghhom, l-intimati eccepew illi in-nuqqas ta' applikabbilita tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-kaz odjern.

L-intimati argumentaw illi skont il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, l-Artikolu 6 m'huwiex generalment applikabbli f'kazijiet li jittrattaw hatriet, karrieri u terminazzjoni tas-servizz ta' persuni ingaggati fis-servizz pubbliku. Argumentaw illi l-PSC m'hijiex awtorita gudikanti u lanqas m'ghandha l-poter li tiddeciedi dwar l-ezistenza ta' dritt jew estensjoni ta' drittijiet, ghaliex ir-rwol taghha huwa sempliciment rakkomandattiv. Ziedu illi l-impjieg fis-Servizz Pubbliku johloq rapport specjali li ghalih japplikaw ligijiet specifici u mhux l-istess ligijiet generici li japplikaw ghall-impjiegi mas-settur privat. Ghalhekk impjieg fis-Servizz Pubbliku ma jinkwadrax ruhhu taht it-tifsira ta'

determinazzjoni ta' dritt jew obbligu civili ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Ir-rikorrenti argumentat illi skont il-gurisprudenza, il-Qrati nostrana ghandhom il-poter li jissindikaw l-agir tal-PSC, li hija obbligata li tirrispetta d-drittijiet fondamentali tal-bniedem u l-principji tal-gustizzja naturali fil-proceduri u d-decizjonijiet taghha.

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg:

> ***"…there is a basic distinction between civil servants and employees governed by private law. This has led it to hold that "disputes relating to the recruitment, careers and termination of service of civil servants are as a general rule outside the scope of Article 6 para. 1 (art. 6-1)…"***[1]

Dan ir-ragunament huwa wkoll ibbazat fuq il-fatt illi, skont il-Qorti ta' Strasbourg, il-Konvenzjoni Ewropeja ma taghtix dritt ta' access ghas-Servizz Pubbliku. Kif gie spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Glasenapp v. Germany** deciza fit-28 ta' Awissu 1986:

> ***"The Universal Declaration of Human Rights of 10 December 1948 and the International Covenant on Civil and Political Rights of 16 December 1966 provide, respectively, that "everyone has the right of equal access to public service in his country" (Article 21 para. 2) and that "every citizen shall have the right and the opportunity ... to have access, on general terms of equality, to public service in his country" (Article 25). In contrast, neither the European Convention nor any of its Protocols sets forth any such right. Moreover, as the Government rightly pointed out, the signatory States deliberately did not include such a right: the drafting history of Protocols Nos. 4 and 7 (P4, P7) shows this unequivocally. In particular, the initial versions of Protocol No. 7 (P7) contained a provision similar to Article 21 para. 2 of the Universal Declaration and Article 25 of the***

[1] **Niegel v. France**, ECHR 18725/91, deciza 17 ta' Marzu 1997

> ***International Covenant; this clause was subsequently deleted. This is not therefore a chance omission from the European instruments; as the Preamble to the Convention states, they are designed to ensure the collective enforcement of "certain" of the rights stated in the Universal Declaration.*"**

Fis-sentenza fl-ismijiet **Feldbrugge v. The Netherlands,** deciza fid-29 ta' Mejju 1986 gie spjegat illi:

> **"*According to the case-law of the Court, "the notion of 'civil rights and obligations' cannot be interpreted solely by reference to the domestic law of the respondent State" (see the König judgment of 28 June 1978, Series A no. 27, pp. 29-30, paras. 88-89). In addition, Article 6 (art. 6) does not cover only "private-law disputes in the traditional sense, that is disputes between individuals or between an individual and the State to the extent that the latter had been acting as a private person, subject to private law", and not "in its sovereign capacity"…*"**

Fil-kawza citata aktar il-fuq ta' **Niegel** il-Qorti ta' Strasbourg kienet ikkonkludiet illi l-artikolu 6 ma kienx applikabbli ghall-ilment in kwistjoni ghaliex:

> **"*...Miss Neigel was essentially seeking reinstatement to the permanent post of shorthand typist at Biarritz Town Hall that she had held previously…The dispute raised by her clearly related to her "recruitment", her "career" and the "termination of [her] service". It therefore did not concern a "civil" right within the meaning of Article 6 para. 1 (art. 6-1).***
>
> ***As to her claim for payment of the salary she would have received if she had been reinstated, the Court notes that an award of such compensation by the administrative court is directly dependent on a prior finding that the refusal to reinstate was unlawful…***
>
> ***Article 6 para. 1 (art. 6-1) therefore does not apply in the instant case.*"**

Il-Qorti taghraf illi din il-gurisprudenza hija nspirata mill-principju tas-sovranita tal-Istat, izda fil-fehma tal-Qorti l-applikazzjoni ta' din il-principju fir-rigward tar-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-individwu ghandha tkun wahda ristretta. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dan huwa konsonanti mal-izviluppi aktar recenti fil-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg stess, illi, anke fir-rigward ta' dawk il-kazijiet fejn l-Istat jinvoka s-sigurta nazzjonali, sahanasitra anke meta l-Istat ikun iddikjara stat ta' emergenza pubblika, il-Qorti xorta wahda tezigi illi l-Istat, bhala minimu, jiggarantixxi u jipprotegi l-ispirtu tad-dritt ta' smiegh xieraq. *Multo magis* allura m'ghandhiex tigi facilment skartata l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 f'kaz fejn m'hemm l-ebda kwistjoni ta' emergenza pubblika jew sigurta nazzjonali.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, m'ghandux ikun illi kull min ikun impjegat fis-servizz civil ghandu jigu privat mill-garanziji tal-Artikolu 6, sempliciment ghaliex min jimpjegah huwa l-Istat, u mhux persuna privata. Il-Qorti tqis illi l-impjieg tar-rikorrenti bhala infermiera ma kienx jinvolvi l-qadi ta' funzjonijiet sovrani tal-Istat, u ghalhekk ma jistghax jinghad illi l-Istat ghandu jkun immuni mill-garanzija Kostituzzjonali ta' smiegh xieraq. Illi fil-fatt, din il-Qorti taghraf illi ma jirrizultax illi l-Qrati taghna qatt accettaw illi m'hemmx dritt ta' smiegh xieraq quddiem il-PSC. Tabilhaqq, mill-gurisprudenza jirrizulta illi mhux biss il-Qrati taghna irrikonoxxew illi impjegati fis-Servizz Pubbliku ghandhom dritt ta' smiegh xieraq quddiem il-PSC,[2] u li ghalhekk il-proceduri huma sindikabbli mill-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali, izda anke kkonsidraw illi l-proceduri quddiem il-PSC huma sindikabbli mill-qrati ordinarji.

Kif intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Grace Sacco vs Onorevoli Prim'Ministru et** deciza fis-17 ta' Settembru 2013:

> ***"Fil-kaz odjern din il-Qorti ma hix tal-fehma li l-kariga ta' nurse fis-servizz tas-sahha tal-iStat hija kariga li tikkomporta l-ezercizzju ta' doveri li huma tipici tal-attivitajiet specifici tas-servizz pubbliku inkwantu depozitarju tal-awtorita` pubblika responsabbli ghall-harsien tal-interessi generali tal-iStat u li ghalhekk fid- doveri***

[2] Vide per ezempju **Grace Sacco vs Onorevoli Prim'Ministru et**, Prim'Awla tal-Qorti Kostituzzjonali, deciza 25 ta' Mejju 2012.

***inkwistjoni ma hemm ebda ezercizzju tas-setgha sovrana tal-iStat. L-Artikolu 6(1) huwa ghalhekk applikabbli.***

***Gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana li l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ma jezimix lill-Kummissjoni mill-obbligu taghha li tosserva d-dispozizzjonijiet kontenuti fil-Kapitolu IV tal-istess Kostituzzjoni, li jelenka d-drittijiet fundamentali tal-bniedem li huma applikabbli ghal kulhadd, sakemm ma jkunux espressament eskluzi fl-istess dispozizzjonijiet li kkreawhom. Ghalhekk fl-operat taghha l-Kummissjoni hi tenuta li tosserva dawn id-drittijiet fundamentali.***

**[…]**

***Tenut kont tal-insenjament premess ta' din il-Qorti kien ikun tassew strapp fl-Ordinament Guridiku taghna li kieku kellha din il-Qorti tirritjeni li filwaqt li l-Kummissjoni ma hix ezenti bil-Kostituzzjoni milli tosserva d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu elenkati fil-Kostituzzjoni hija izda ezenti milli tosserva d-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem elenkati fil-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta meta l-istess drittijiet u libertajiet jirrispekkjaw lil xulxin, ghalkemm mhux b'mod preciz, u meta fl-istess Kap. ma hemm xejn li jindika li l-Kummissjoni hi hekk ezenti.***"

Illi ghaldaqstant, it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti taghraf illi skont il-proviso ghat-tieni sub-inciz tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni:

***"...l-Qorti tista', <u>jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel</u>, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull***

> ***każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra.***"

Din il-Qorti taghraf ukoll illi n-nuqqas ta' ezawriment ta' rimedji ordinarji hija kwistjoni illi tista' tigi ssollevata mill-Qorti stess. Hekk per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Borg vs Onorevoli Prim'Ministru et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Novembru 2016, intqal illi:

> "***Hu pacifiku li l-akkoljiment o meno ta' eccezzjoni ibbazata fuq dan il-proviso jew addirittura l-applikazzjoni ex officio tal-proviso hu fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti.*** *Din id-diskrezzjoni ghandha tigi uzata bi prudenza biex, min-naha l-wahda l-Prim'Awla kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali ma jigux inondati b'kawzi li jistghu jigu determinati mill-Qrati fil-kompetenza ordinarja taghhom, u min-naha l-ohra, c-citaddin ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap.319 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *Illi din l-eccezzjoni tesprimi s-salvagwardja procedurali li qabel ma wiehed jintavola kawza kostituzzjonali ghandu jezawrixxi kull rimedju civili possibbli u hija intiza biex thalli r-rimedju kostituzzjonali ghal dawk il-kawzi verament meritevoli ta' din il-procedura specjali.*"[3]

Illi ghalhekk, ghalkemm din l-eccezzjoni ma tqajmitx mill-intimati, il-Qorti qieghda tqajjimha *ex officio*, skont il-fakultajiet moghtija lilha mill-Kostituzzjoni, sabiex tiddetermina jekk ir-rikorrenti kellhiex rimedju ordinarju disponibbli ghaliha li setghet tirrikorri ghalih qabel ma tintavola l-proceduri odjerni.

[3] Vide wkoll **Mediterranean Film Studios Limited v. Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta` Malta et**, Qorti Kostituzzjonali, deciza 31 ta' Ottubru 2003; **L-Avukat Mark Refalo noe vs Id-Direttur tal-Artijiet et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) deciza 28 ta' Jannar 2016. .

Skont il-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti u l-Qorti Kostituzzjonali, s-setgha tal-Qorti li tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha ghaliex kien hemm rimedji ordinarji:

> **" …*ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b` mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista` jkun hemm kaz serju ta` vjolazzjoni ta` drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali [jew taht il-Kap.319] meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz.*"**[4]

Fis-sentenza taghha tat-30 ta` Mejju 2003 fil-kawza **Salvatore Abdilla vs Onorevoli Segretarju Parlamentari Ghall-Ambjent**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:-

> **"*Din il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax taqbel ma` l-appellati (u konsegwentement anqas ma` l-ewwel Qorti) dwar il-kwistjoni tal-ezawriment tar-rimedju ordinarju. Proprjament il-kwistjoni ma hix jekk dak li jkun ikunx ezawrixxa, jew ittanta, "rimedju ordinarju" izda, kif diga accennat, jekk kellux disponibbli favurih mezz xieraq ta` rimedju ghall-ksur allegat. L-aggettiv "xieraq" ("adequate", fit-test Ingliz) li jikkwalifika n-nom "mezz" uzat kemm fl-Artikolu 46(2) tal- Kostituzzjoni kif ukoll fl-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, necessarjament jimplika li l-mezz ikun tali li wiehed jista` ragonevolment – tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – janticipa li jista` jkun hemm ezitu favorevoli.*"**

Illi ghalhekk din il-Qorti trid l-ewwel nett tiddetermina jekk kienx jezisti rimedji ordinarju disponibbli ghar-rikorrenti li kien wiehed xieraq, u rimedju li bih ir-rikorrenti setghat ragonevolment tanticipa l-possibilita ta' ezitu favorevoli.

[4] **David Axiaq vs Awtorita tat-Trasport Pubbliku**, Qorti Kostituzzjonali, deciza 14 ta' Mejju 2004.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru 2001 intqal illi il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin:

> ***"...tiffavorixxi interpretazzjoni bazata fuq l-effettivita` tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun accessibbli f'dawk il-kazijiet fejn fir-rimedju effettiv ghal-lezjoni subita ma setax jinghata taht l-artikolu 469A."***

L-ilment tar-rikorrenti jirrigwarda nuqqas ta' smiegh xieraq, senjatament billi ma inghatx opportunita xierqa li tressaq id-difiza taghha, u nuqqas ta' ugwaljanza ta' armi, fil-proceduri tal-PSC li wasslu ghar-revoka tal-hatra taghha fi grad ta' *staff nurse*. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-ilment taghha jirrinkwadra ruhhu perfettament fl-azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv, regolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' liema, il-Qrati ordinarji jistghu jiddikjaraw eghmil null, invalidu jew minghajr effett fis-segwenti kazijiet:

> " ***(a) meta l-għemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;***
> ***(b) meta l-għemil amministrattiv ikun ultra vires għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:***
> ***(i) meta dak l-għemil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu;***
> ***(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil; jew***
> ***(iii) meta l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;***
> ***(iv) meta l-għemil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi." (Art.469A(1) tal-Kap.12).***"

Fis-sentenza fl-ismijiet **Micheal Borg vs Onorevoli Prim Ministru u Kummissjoni** dwar is-Servizz Pubbliku, deciza mil-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017, intqal:

> ***"...li l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji f'kaz ta' stharrig gudizzjarju tal-għemil tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku huwa limitat u jeskludi stharrig abbazi ta' ksur jew allegat ksur tad-drittijiet protetti mill-artikoli 35 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni.***
>
> ***Madanakollu minn rassenja tal-gurisprudenza nostrana, l-Qrati ordinarji mhumiex prekluzi milli jissindikaw il-Kummissjoni ta' nuqqas ta' osservanza tal-principji ta' gustizzja naturali. Fi kliem iehor, il-fatt li f'proceduri civili ma jistghux jigu kkunsidrati u determinati kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali, ma jfissirx illi awtomatikament il-Qrati ordinarji huma prekluzi milli jissindikaw l-operat tal-PSC."***

Huwa filfatt ampjament rikonoxxut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna, kif wara kollox ikkonfermat mir-rikorrenti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, illi anke l-Qrati ordinarji ghandhom gurisidizzjoni sabiex jissindikaw l-operat tal-PSC. Hekk per ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet **Veterinarju Dottor Frank Cassar vs Chairman tal-Public Service Commission** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Ottubru 1976, kien gie affermat illi l-Qrati ordinarji ghandhom il-guridizzjoni sabiex jaraw:

> ***"...li l-formalitajiet u proceduri li jirregolaw il-Kummissjoni u lill-Bord tad-Dixxiplina, fejn il-Kummissjoni stess hasset il-htiega li ghandha taghmel regoli, jigu osservati, u tara li kollox isir skont il-ligi...Li kieku ma kienx hekk, il-Kummissjoni kien ikollha poter assolut li wara li tghid li tintrabat li ser issegwi certi proceduri, twarrabhom u ma tosservahomx kull meta jidhrilha, peress li l-ebda poter ma jkun jista' jissindika dan l-operat."***

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mattocks vs Dr. Anthony Gruppetta noe et** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Gunju 2008:

> ***"Il-PSC mhux hieles minn skrutinju tal-qrati ordinarji. Il-Qrati taghna osservaw li l-PSC mhix insindikabbli b'mod assolut, u jekk jigi allegat li l-PSC ma segwietx ir-regoli ta' procedura li hi stess tkun ghamlet ghas-smigh tal-kazi quddiema ("Cassar vs. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", eventwalment ceduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru, 1985), jew jigi allegat li l-PSC agixxiet b'mod diskriminatorju ("Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar, 1985), jew li l-istess PSC agixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ("Attard vs Sant'Angelo noe et", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Novembru, 1996), allura l-Qorti ordinarja tista' tintervjeni, tissindika u eventwalment taghti r-rimedju opportun. Din il-Qorti zzid li anke jekk jigi allegat, fuq livell amministrattiv, li l-PSC agixxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet ultra vires il-poteri taghha, il-Qrati ordinarji jistghu u ghandhom jintervjenu. Il-principji tal-gustizzja naturali jridu dejjem u skrupolozament jigu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni mahtura biex tiehu decizjoni firrigward ta' individwu, u ebda awtorita` moghnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-principji b'impunita`"***

Fis-sentenza fl-ismijiet **A&J Hili Ta' Miema Limited vs Kumissarju tat-Taxxi Fuq il-Valur Mizjud**, deciza fl-14 ta' Ottubru 2004, il-Qorti tal-Appell Civili ikkonfermat illi l-harsien tal-principji ta' gustizzja naturali jista' jigi ezaminat anke mill-Qrati ordinarji:

> ***"Din il-Qorti tibda biex tosserva li l-principji ta' gustizzja naturali, li wahda minnhom huwa l-principju ta' smiegh xieraq, huma principji ta' ligi ordinarja li jistghu u ghandhom jigu ezaminati u mistharga minn dawn il-Qrati fil-kompetenza ordinarja taghhom.***
>
> ***Il-principji ta' gustizzja naturali jitqiesu dejjem materja ta' dritt, anzi ta' dritt pubbliku, u n-nuqqas ta' osservanza taghhom jaghti***

> ***mhux biss dritt ta' appell meta dan hu koncess (anke jekk limitatament fuq punt ta' dritt), izda ukoll ghad-dritt ta' review mill-Qrati ordinarji."***

Illi l-Qorti rat illi l-ilment tar-rikorrenti f'dan il-kaz jitratta allegat nuqqas ta' opportunita adegwata li tressaq id-difiza taghha, u allegat nuqqas ta' ugwaljanza ta' armi. Fil-fehma tal-Qorti, dawn iz-zewg ilmenti jaghmlu parti mill-principju ta' *audi alteram partem,* peress illi jirrigwardaw id-dritt tar-rikorrenti li tressaq il-kaz taghha quddiem il-PSC. Il-principji ta' *audi alteram partem* huwa wiehed mill-principji tal-gustizzja naturali, u ghalhekk huwa car li l-ilment tar-rikorrenti kien sindikabbli mill-Qrati ordinarji.

Din il-Qorti tirrileva *obiter* illi multo magis kienet sindikabbli mill-Qrati ordinarji ai temini tal-azzjoni taht l-Artikolu 469A id-decizjoni tal-PSC in kwistjoni, kkonsidrat illi l-PSC ezorbitat il-poteri taghha meta, minflok ma ghamlet rakkomandazzjoni lil Prim'Ministru ghar-revoka tal-hatra tar-rikorrenti, qabdet u rrevokat hi direttament il-hatra taghha, meta skont ir-Regolament numru 23 (2) il-PSC kellha biss is-setgha li taghti rakkomandazzjoni lil Prim'Ministru.

Il-Qorti taghraf illi ormai iz-zmien utli ghall-intavolaw ta' azzjoni ai termini tal-artikolu 469A skada. Illi pero, huwa risaput illi l-ezistenza ta' rimedju iehor ghandha titqies mhux fiz-zmien meta tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali, jew meta tinghata sentenza rigward dak l-ilment, izda ghandu jitqies proprju b'referenza ghaz-zmien tal-allegat ksur ta' dritt fondamentali.

F'dan ir-rigward, fis-sentenza fl-ismijiet **Olena Tretyak vs Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006 intqal illi:

> **"*M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in extremis li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel.*"**

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Borg vs Onorevoli Prim Ministru et**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Novembru 2016 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru 2017:

> **"*...din il-Qorti hija soddisfatta li r-rikorrent kellu a disposizzjoni tieghu r-rimedju ordinarju stabbilit bl-artikolu 469A (1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ukoll f'dan il-kaz fejn l-istharrig jirreferi ghall-agir tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u dan in forza tal-iskorta tal-gurisprudenza fuq citata. Il-fatt li din l-azzjoni hija perenta llum mhuwiex raguni ghaliex din il-Qorti ghandha taghzel biex tezercita l-gurisdizzjoni originali taghha billi kien ir-rikorrent li halla tterminu jiddekadi u ma hemmx ragunijiet impellenti li jwassluha biex tiddeciedi mod iehor.*"**

Il-Qorti tqis ghalhekk illi r-rikorrenti kellha rimedju ordinarju xieraq u effettiv, u cioe azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv, a disposizzjoni taghha, liema azzjoni seghtat taghtiha rimedju shih ghall-ilment taghha, u dan billi kien possibli ghall-Qorti ordinarja sabiex tiddikjara nulla jew ineffettiva d-decizjoni tal-PSC. Illi pero, r-rikorrenti ghazlet illi ma taghmilx uzu minn dak ir-rimedju, u minflok irrikorriet immedjatament ghar-rimedju kostituzzjonali u konvenzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha ai termini tal-proviso tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.

**Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati u u tillibera lil Ministru ghall-Energija u Sahha u s-Segretarju Parlamentari tas-Sahha mill-osservanza tal-gudizzju, u filwaqt illi tichad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati, tiddikjara illi r-rikorrenti ma ezawritx ir-rimedju ordinarju disponibbli ghaliha qabel ma intavolat dawn il-proceduri, u ghalhekk ai termini tal-proviso tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni, tiddiklina milli tezercita s-setgha taghha skont l-istess sub-artikolu, u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tar-rikorrenti.**

**L-ispejjez tal-Ministru ghall-Energija u Sahha u s-Segretarju Parlamentari tas-Sahha ghandhom jithallsu kollha mir-rikorrenti, filwaqt li, in vista tac-cirkostanzi, il-bqija tal-ispejjez ghandhom jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**